**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 340/2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Renald Aquilina**

**<u>Illum, 13 ta' Marzu, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, kif ukoll appellat, **Renald Aquilina** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **0167796M** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tat-20:15 hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema:

1. Waqt li kont qed issuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBV-089 ta' għamla Peugeot b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajt ġrieħi fuq il-persuna ta' Moira (Mary Dolores) Cauchi hekk skond kif iċċerifika Dr Attard Biancardi Med Reg 3124 mill-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi soqt vettur tal-għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni CBV-089 b'manjiera bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluża.

3. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajt ħsara f'vettura DNA241 għad detriment ta' Andrew Albanozzo u/jew entita' oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan fil-konfront ta' Renald Aquilina għal-dak il-perijodu ta' żmien li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra mill-tapplika il-piena stabbilita tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-25 ta' April ,2023, fejn kkundannat lill-imputat appellant **komplessivament sena (1) ħabs sospiżi għal erba' (4) snin ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, sospensjoni tal-Liċenzji kollha tas-sewqan għal terminu ta' 'tlett snin (3), multa ta' elf u mitejn euro (€1,200), ħlas tal-ispejjez tal-esperti ammontanti għal elf u sitt mija u tlieta u tmenin euro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€1,683.78) kif ukoll ordnat li jinħareġ *Treatment Order* ai termini tal-artikolu 412(D) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat għal tul ta' tlett (3) snin biex tiġi indirizzat il-vizzju tiegħu tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Renald Aquilina**, preżentat fl-fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

Tbiddel s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet, tirrevokaha u tħassarha in kwantu l-piena imposta u minflok timponi piena iktar ġusta u ekwa li tirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-aggravju ta' Renald Aquilina wkoll huwa rigward l-piena imposta.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali imponiet piena karċerarja ta' sena sospiża għall-erba' snin, multa ta' elf u mitejn ewro u tlett snin sospenzjoni tal-liċenzji tas-sewqan. Tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-piena, għalkemm fil-parametri tal-liġi, hija għal kollox sproporzjonata.

Sabiex wieħed jifhem għaliex hija sproporzjonata, jeħtieġ issir referenza għas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija dwar persuni mixlija b'imputazzjonijiet u ċirkostanzi simili għal-każ odjern. Il-Qrati – adirittura anke f'ċirkostanzi iktar gravi minn dawk odjerni - invarjabbilment addottaw pieni alternattivi għall-inkarċerazzjoni (inkluż dik sospiża fit-termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali). Dan jirrifletti insenjament stabbilit mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Marzu 2005 per Imħallef Joe Galea Debono fis-sentenza fl-ismijiet <u>l-Pulizija vs Alfonso Abela</u>. Fl-isemmija sentenza Il-Qorti rriteniet *obiter*:

> *"din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament , esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti. Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan*

*bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta'sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tattraffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa."*

Mid-data tas-sentenza appena ċitata l-quddiem, il-Qrati invarjabbilment applikaw dan l-insenjament. L-esponent jiċċita ftit inqas minn ħamsin sentenza li, trattandosi imputazzjonijiet u ċirkostanzi simili - jekk mhux iktar serji - għal dak odjern, applikaw pieni alternattivi (multa) u iktar miti minn dik applikata fis-sentenza appellata:

| Data | Qorti | Okkju | Gudikant | Imputazzjonijiet | Piena | MIsc. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24/02/2003 | QAK | Raymond Borg | VDG | 226(1)(a) | Multa 1,000 lira | Skwalifika sena |
| 27/03/2009 | QTM | Charlo Farrugia | AD | 225 | Multa €2,500 | Skwalifika 3 xhur |
| 18/02/2010 | QTM | Mauro Joseph Sammut | IF | 226(1)(a) | Multa 3,000 | Skwalifika 9 xhur |
| 24/10/2011 | QAK | Maximilian Ciantar | LQ | 226(1)(a) 218(1)(a) | Sentejn prigunerija | Skwalifika 6 xhur |
| 05/12/2011 | QTM | Mark Cutajar | DC | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 2,000 | |
| 22/11/2012 | QTM | Alan Agius | DC | 226(1)(a) | Multa 700 | Skwalifika 3 xhur |
| 26/11/2012 | QTM | Nathaniel Galea | DC | 226(1)(a) | Multa 1,000 | Skwalifika 8 jiem |
| 01/02/2013 | QTM | Jason Navarro | AD | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 2,500 | Skwalifika 3 xhur |
| 20/06/2013 | QTM | Richard Joseph Maurice Vella | EG | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 2,000 | Skwalifika 3 xhur |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30/04/2014 | QTM | Adrian Darmanin | IF | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 700 | Skwalifika 3 xhur |
| 30/04/2015 | QTM | Sandro Mifsud | AGV | 226(1)(a) 218(1)(b) | 4 snin sospizi ghal tlett snin | Skwalifika 3 xhur |
| 07/07/2015 | QTM | Lorna Grech | NC | 226(1)(b) | Multa 1,300 | Skwalifika xahrejn |
| 30/10/2015 | QTM | Jason Busuttil | AB | 226(1)(b) | Tlett xhur prigunerija, multa 2,500 | Skwalifika 8 xhur |
| 13/01/2016 | QTM | Carmel Micallef | NC | 226(1)(b) | Multa 900 | |
| 29/02/2016 | QTM | Carmel Cassar | DC | 226(1)(a) | Multa 3,000 | Skwalifika sena |
| 05/04/2016 | QTM | Joseph Schembri | JM | 225(1) | Multa €4,000 | Skwalifika 3 xhur |
| 16/05/2016 | QTM | Joseph Galea | JD | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 800 | Skwalifika 8 jiem |
| 13/07/2016 | QTM | Steve Azzopardi | JD | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 800 | Skwalifika 8 jiem |
| 10/10/2016 | QTM | Jason Bartolo | DC | 226(1)(a) | Multa 3,000 | Skwalifika 3 xhur |
| 08/11/2016 | QTM | Paul Borg | JM | 225 328(a) | Multa €4,000 + 250 hours of community service | Skwalifika 3 xhur |
| 15/12/2016 | QTM | Clive Tanti | JM | 225 328(a) | Multa €5,000 + 480 hours of community service | |
| 12/01/2017 | QTM | Ruth Grech | NC | 226(1)(b) | Multa 2,800 | Skwalifika 8 xhur |
| 01/03/2017 | QTM | Gamri Sciberras | JD | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 1,000 | |
| 07/03/2017 | QTM | Jospeh Farrugia | DFD | 226(1)(b) | Multa 1,000 | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03/04/2017 | QTM | Alessia - Jane Sant | JD | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 1,500 | Skwalifika 8 jiem |
| 15/05/2017 | QTM | Frank Desira | CSZ | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 1,000 | |
| 25/09/2017 | QTM | George Baldacchino | CSZ | 226(1)(a) | Multa €4,500 | *Sub judice* |
| 11/04/2018 | QTM | Clint Mifsud | JD | 226(1)(a) | Multa 4,000 | Skwalifika 6 xhur |
| 26/06/2018 | QTM | Francis Mallia | NC | 226(1)(b) | Multa 1,500 | |
| 26/09/2018 | QTM | Keith Caruana | NC | 226(1)(a) | Sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin | Skwalifika ghal 3 snin |
| 21/02/2019 | QTM | Brandon Bartolo | RM | 226(1)(b) | Multa 3,300 | Skwalifika 19 xhar |
| 27/02/2019 | QAK | Matthew Munro | EG | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 2,000 | |
| 11/07/2019 | QTM | Gabriel Tabone | JM | 225(1) 226(1)(a) | 2 years imprisonment, suspended for 4 years | Skwalifika 12 xahar |
| 12/08/2019 | QTM | Emerson Vella | JM | 225(1) 226(1)(a) | Multa €3,000 | Skwalifika 12 xahar |
| 20/09/2019 | QAK | Christopher Zammit | EG | 225(2) 226(2) | 18 months imprisonment, suspended for 4 years | Skwalifika 12 xahar |
| 18/01/2020 | QTM | Samuel Mamo | NL | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 6,600 | Skwalifika 12 xahar |
| 25/06/2020 | QAK | Clyde Farrugia | AB | 225(1) 226(1)(a) | Multa 800 | |
| 10/09/2020 | QTM | Mel Spiteri | RM | 225(1) | 24 months imprisonment, suspended for 3 years | Skwalifika 12 xahar |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 26/02/2021 | QAK | Anthony Taliana | EG | 225 | Tlett snin prigunerija | Skwalifika sena |
| 26/03/2021 | QTM | Karl Hili | CFF | 226(1)(a) | Multa 2,000 | Skwalifika 35 jum |
| 20/05/2021 | QAK | Chalie Muscat | CSH | 226(1) | Multa €500 | Skwalifika ghal 15 jum |
| 04/06/2021 | QTM | Ryan Cutajar | CFF | 226(1)(a) 218(1)(a) | Multa 2,000 | Skwalifika 35 jum |
| 05/04/2022 | QAK | Rodney Testa | AB | 226(1)(b) | Multa 2,800 | Skwalifika sitt xhur |

Illi fir-rigward tal-piena, dan l-elenku jirrifletti żewġ fatti partikolari. L-ewwel fatt huwa fir-rigward tal-piena għal sejbin ta' ħtija għar-reati nvolontarji kontra l-persuna. Fir-rigward, il-piena solitament imposta hija dik ta' multa. Huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fejn tkun, per eżempju, intilfet ħajja, fejn tiġi imposta l-inkarċerazzjoni bħala l-piena alternattiva għall-multa kif ravvizata fl-artikolu 225 jew 226 tal-Kapitolu 9. Jingħad li anke f'ċirkostanzi ta' telf ta' ħajja, il-Qrati ukoll kienu tal-fehma li, meta si tratta reat involontarju, multa hija l-piena l-iktar idonea (ara <u>Pulizija vs Clive Tanti</u> 15/12/2016). It-tieni fatt huwa rigward is-sospenzjoni tal-liċenzja tas-sewqan. Minn madwar ħamsin sentenza ċitata sopra huwa biss fil-każ tal-<u>Pulizija vs Keith Caruana,</u> liema każ **ġie ikkaġunat il-mewt ta' persuna u ġrieħi gravi fuq persuna oħra**, fejn giet imposta skwalifika tal-licenzja ghal tlett snin. Bir-rispett, kull kumment ieħor fir-rigward huwa superfluwu.

Illi l-esponenti huwa konxju li l-ordinament ġuridiku Malti ma jikkontemplax id-duttrina ta' *binding precedent.* Huwa minnu pero' illi l-ordinament ġuridiku Malti jħaddan id-duttrina ta' *persuasive precedent* fejn sakemm ma jkunux jeżistu ċirkostanzi serji u iġusti għaliex il-Qorti għanda tiddipartixxi minn preċedent dwar materja approfondita, dak il-precedent ghandu jigi rispettat u osservat (Ara insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>On. Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali</u> - dec. 1 ta' Gunju 2001, pag. 3). Illi waqt is-sottomissjonijiet orali quddiem l-

Ewwel Qorti, id-difiża għamlet referenza għas-sentenzi fuq ċitati u talbet lill-istess Qorti sabiex tieħu *judicial notice* tagħhom. Illi fis-sentenza tagħha l-Qorti ma jidher li ravviżat l-ebda raġuni għaliex il-preċedent stabbilit fis-sentenzi fuq ċitati għandu jiġi skartat. Għaldaqstant, fin-nuqqas li jiġu applikati dawn is-sentenzi u l-pieni fl-ikkalibrar tal-piena, meta si tratta l-istess imputazzjonijiet u ċirkostanzi, twassal ukoll għall-inċertezza fl-applikazzjoni u l-ikkalibrar tal-piena.

Illi finalment jeħtieġ jingħad li, kif ser jiġi amplifikat fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, ma jeżistux ċirkostanzi li solitament jitqiesu neċessarji sabiex Qorti tagħti piena bħal dik odjerna. Fil-fatt, għajr għall-eta tal-appellant u l-konklużjonijiet tas-*social inquiry report* (żewġ ċirkostanzi solitament mejqusa bħala mitigatorji) l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għal ebda tip ta' ċirkostanza li twassalha timponi l-piena fil-qrib il-massimu tagħha. Adirittura bil-kontra jeżistu ċirkostanzi fejn l-piena kellha tkun waħda riabilitatorja, mhux karċerarja, u qrib il-minimum.

Għaldaqstant, tenut kont is-su-espost huwa bir-rispett evidenti li l-piena fil-każ odjern hija sproporzjonata u għanda tiġi ridotta sabiex tirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali għar-rikors tal-appell tal-appellant Renald Aquilina, intavolata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Lulju, 2023 fejn in breve qed jgħid illi l-paraguni li għamel l-appellant Aquilina huma odjużi u dan għaliex il-fatti speċje li jsawru l-każ odjern u l-fatti specje li jsawu l-każijiet imsemmija m'humiex identiċi u qatt ma jistgħu jkunu identiċi. Kull każ għandu jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu u fil-każ odjern l-Avukat Generali jemmen illi l-kawża prossima u unika tal-inċident stradali kien xejn ħlief is-sewqan kundannabbli u b'non kuranza assoluta għal min kien qiegħed jaqsam it-triq. Illi l-piena li għandha tiġi erogata trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-ħati, dawk tal-vittmi, kif ukoll l-interessi tas-soċjeta' li tesiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għal dawk l-azzjonijiet leżivi tal-liġi kriminali kommessi minnu. Il-piena għandha tirrazenta l-estremi tal-kolpa għaliex is-sewqan tal-appellant ma kien xejn inqas minn *reckless*. Illi rriżulta li l-parti leza Moira Cauchi sofriet ġrieħi ta' natura gravi tant li l-imsemmi inċident

irriżulta f'diżabilita' permanenti ta'tmenin fil-mija (80%). L-Avukat Ġenerali għamel ukoll referenza għas-segwenti sentenzi sabiex isostni l-argumenti tiegħu: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef; Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F.H. Ben Abid;[1] Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi[2] u Il-Pulizija vs Dylan Vella.**[3] In vista tas-suespost, l-Avukat Ġenerali hu tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrespinġi l-aggravju tal-appellant fl-intier tiegħu u konsegwentament tiċħad l-appellu tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant kif ukoll appellat **l-Avukat Ġenerali**, preżentat fl-fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Mejju,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

Tbiddel s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lil Renald Aquilina ħati tal-imputazzjonijiet, tirrevokaha u tħassarha in kwantu l-piena imposta u minflok timponi piena ekwa u ġusta skond il-ligi.

Illi fit-tieni (2) jum ta' Mejju l-parti leża daħlet nota biex l-atti jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali u sussegwentement fir-raba' (4) jum ta' Mejju l-esponent ngħata aċċess bil-mezzi elettroniċi, kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma kopja skenjata tal-atti tal-kawża u tax-xhieda hemm mismugħa fit-termini tal-artikolu 414(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali ħassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hekk kif ser jiġi spjegat f'dan l-umli rikors tal-appell.

Illi l-Avukat Generali saħaq li meta wieħed jara d-dinamika tal-inċident u l-konsegwenzi serji fuq l-vittma Moira Cauchi, ħarsa lejn il-piena komplessiva erogata

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Dicembru, 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju, 2019.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-20 ta' Settembru, 2022.

mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli opinjoni tieghu, tali piena mhijiex waħda idoneja u ġusta konsiderando li l-appellat instab ħati taħt l-akkużi kollha dedotti kontrih.

Illi mill-atti jirriżultaw is-segwenti fatti: -

Il-vittma **Moira Cauchi** kienet fuq il-pedestrian lights tistenna biex taqsam mix-xatt, f'*The Strand* tas-Sliema, hija bdiet miexja hekk kif il-vetturi kienu wieqfa;

Illi meta il-vittma **Moira Cauchi** ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-appellat kienet għadha fuq il-karreġġjata tal-karozza tal-linja, liema karreġġjata hija riservata għal tali vetturi u mhux suppost igħaddu vetturi minnha;

Illi skont l-esperti maħtura fl-Inkjesta, il-vettura misjuqa minn **Renald Aquilina** kienet għaddejja b'veloċita' ta' ċirka mija u għaxra kilometri fis-siegħa (110 kfs), veloċita' li tiżboq ferm il-veloċita' rikjesta f'dik it-triq, tant li mal-impatt il-vittma **Moira Cauchi** qabżet is-central strip u spiċċat in-naħa l-oħra tat-triq;

Illi konsegwenza tal-ġrieħi subiti fuq **Moira Cauchi**, mal-mument tal-impatt ħajjitha u tal-familjari tagħha inbidlet minn lejl għan-nhar, tant li l-ewwel Qorti ma kellhiex l-opportunita' tismagħha tixhed, b'dana li se tibqa' tbati l-konsegwenzi b'mod permanenti. Illi mix-xiehda tal-familjari tagħha huwa evidenti li dan l-inċident kellu impatt serjissimu fuqhom ilkoll tant li Moira Cauchi prattikament kellha tibda titgħallem l-affarijiet bażiċi mill-ġdid.

Illi madankollu, il-vettura DNA 241 li ħabat fiha l-appellat wara li tajjar lil **Moira Cauchi** ġarbet ħsarat *beyond economical repair* fl-ammont ta' erbat elef u mitejn ewro (€4,200).

Illi tenut kont dawn il-fatturi kollha li jixhdu l-gravita' tal-każ odjern u l-konsegwenzi serjissimi li ġarbet l-vittma **Moira Cauchi** flimkien mal-familjari tagħha kaġun tal-inċident stradali kkaġunat mill-appellat, l-esponent itenni li fiċ-ċirkostanzi, il-piena

b'mod kompless, ma hijiex idoneja u ġusta mal-vittmi ta' dan il-każ, speċjalment ma **Moira Cauchi**.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi din il-Qorti setgħet tinnotta illi l-appellant/appellat Renald Aquilina ġie akkużat fost oħrajn bl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, fid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ġie ċitat l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali. Għaldaqstant, il-Kapitolu tal-Liġi korrett li kellu jiġi ċitat huwa l-Kapitolu 9 u mhux il-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, L-Avukat Ġenerali, fl-Artikoli tiegħu datati d-19 ta' Frar, 2020 a fol. 120 tal-proċess, niżżel illi jidhirlu illi mill-Kumpilazzjoni tista' tinsab ħtija taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentament, fid-deċide tagħha l-Qorti wkoll għamlet referenza għall-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta dwar l-omiċidju involontarju. Madankollu, mill-atti ma jirriżulta l-ebda omiċidju nvolontarju! Saħansitra fis-seduta datata l-20 ta' Jannar, 2020[4] kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-parte civile sofriet ġrieħi gravi u permanenti, w għalhekk anke l-Avukat Ġenerali kien konxju li ma kienx hemm omiċidju involontarju. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kwotat Artikolu tal-liġi li ma setgħetx issib lil appellant/appellat Renald Aquilina ħati tiegħu.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> *'Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfażi miżjuda)*

[4] A fol. 108 tal-process.

Illi għalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l- imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġġi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F' każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[5]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[6]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[8]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[9]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[10] "u ohrajn).

**Illi ġie ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio", kif għamlet din l-istess Qorti għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan.** (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[11] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[12] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[13]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> 'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[14]" ġie kkunsidrat li:

*' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[15]' ġie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

*Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[16]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri**[17]' ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

Illi f'dan il-każ, kif diġa ġie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-deċide, minflok iċċitat l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iċċitat l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu li lanqas biss jeżisti. In oltre, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007).

referenza għall-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fid-deċide, li jitkellem dwar l-omiċidju involontarju, reat li lanqas biss jirriżulta mill-atti proċesswali u għalhekk ma tistax issib ħtija tiegħu.

Illi pero' dan ma jwassalx għall annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti iżda n-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mil-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qedgħa tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti w, biex ma tipprivax lill-partijiet mil-benefiċju tad-*"doppio esame"*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant/appellat Renald Aquilina jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi.

**C. Scerri Herrera**
**Imħallef**